**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 3 ta' Lulju 2024**

**Kawża Numru: 49/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Anthony Mercieca)**

**kontra**

**Muriel Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Muriel Micallef ta' disgħa u tletin (39) sena, bint Martin u Natalie xebba' Galea, imwielda l-Pieta' nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u tmenin (1980), residenti ġewwa Santa Marija, Flat numru tlieta (3), Triq il-Qrajten, Pieta' u detentriċi tal-Karta ta' l-Identita Maltija bin-numru 443080(M).

U nakkużaha talli nhar it-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) u anke matul il-ġranet ta' qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer;

1. Kellha fil-pussess tagħha d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-Raba' (4) u s-Sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President

ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta’ l-elf disa’ mija u disgħa u tletin (1939) dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, **liema droga nstabet f’tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha.**

2. Kellha fil-pussess tagħha d-droga herojina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, meta ma kintix fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-Raba’ (4) u s-Sitt (6) Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skond ir-riċetta, kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta’ l-elf disa’ mija u disgħa u tletin (1939) dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta Malta, **liema droga nstabet f’tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha.**

3. Kellha fil-pussess tagħha l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta’ l-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.

4. Naqset milli tħares xi waħda w/jew iktar minn waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), b’digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. Joseph Apap Bologna LL.D, datat nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta’ Marzu tas-sena elfejn u ħdax (2011), li permezz tiegħu hija ngħatat il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet.

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba li f’każ ta’ ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ l-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat id-Digriet ta' Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri ta' nhar id-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), li permezz tiegħu din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif preseduta[1];

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datat l-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), maħruġ ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li permezz tiegħu l-Avukat Ġenerali ordna li l-imputata titressaq quddiem din il-Qorti sabiex twieġeb għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza[2];

Semgħet fl-udjenza ta' nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), lill-partijiet jiddikjaraw li kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' lix-xhieda li kienu diġa xehdu u l-provi li kienu miġjuba f'dawn il-proċeduri qabel ma din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta[3];

Rat illi fl-udjenza ta' nhar l-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), l-imputata wieġbet li mhux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha[4];

Rat illi permezz ta' rikors datat ħmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), l-imputata talbet lil din il-Qorti kif diversament preseduta sabiex ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga, u talbet li tkun awtorizzata tressaq il-provi in sostenn tat-talba taghha, kif ukoll talbet in-nomina ta' espert psikologu[5];

Rat illi permezz ta' digriet datat tlieta u għoxrin (23) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022)[6] din il-Qorti laqgħet it-talba tal-imputata sabiex tressaq il-provi in sostenn tat-talba tagħha u nnominat lil Dr. Roberta Holland bħala espert psikologa;

Rat illi fis-seduta ta' nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), id-difiża ddikjarat li għal fini tat-talba tagħha ai termini

[1] A fol. 189 tal-atti proċesswali
[2] A fol. 5 tal-atti proċesswali
[3] A fol. 193 tal-atti proċesswali
[4] A fol. 9 tal-atti proċesswali
[5] A fol. 141 tal-atti proċesswali
[6] *A fol* 145 tal-atti proċesswali

tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, hija qegħda tistrieħ fuq id-depozizzjonijiet ta' Dr. Roberta Holland, il-probation officer Sharlet Fabri u Dr. Gianluca Bezzina;

Rat illi fl-istess seduta l-partijiet irimettew ruħhom għall-atti;

Rat illi permezz ta' digriet datat tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), din il-Qorti ċaħdet it-talba tal-imputata sabiex tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga u ordnat il-prosegwiment tal-kawża[7];

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat :-**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata, <u>il-Prosekuzzjoni</u> ressqet is-segwenti xhieda u provi :-

**L-Ispettur Mark Mercieca**[8] xehed illi fit-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), huwa kien rċeva nformazzjoni kunfidenzjali li l-imputata setgħet kienet qegħda tbiegħ d-droga fl-akwati ta' Tas-Sliema. Jispjega li kienet saret ronda kemm fl-akwati ta' Tas-Sliema, kif ukoll fl-akwati ta' fejn tirresjedi l-imputata, fi Triq Qrejten, Tal-Pieta' u l-imputata kienet ġiet imwaqqfa ġewwa Triq il-Qrejten meta kienet fil-vettura tal-għamla Volkswagen bin-numru ta' reġistrazzjoni DOM 777. Igħid li l-imputata kienet passiġġiera fuq in-naħa ta' quddiem tal-vettura u x-xufier kien ċertu Christopher Scerri li rriżulta li huwa s-sieħeb tagħha. L-Ispettur Mercieca igħid li huwa ġie nfurmat mill-Pulizija li kien hemm fuq il-post, li l-imputata kienet deheret tpoġġi xi ħaġa taħt il-persuna tagħha, jiġifieri xi ħaġa bejn il-persuna tagħha u s-*seat* li kienet bilqegħda fuqu, fejn wara li saret tfittxija instabet borża tal-plastik li kienet tikkontjeni diversi *sachets* bit-trab abjad ġewwa fihom. Ix-xhud igħid li minn tfittxijiet ulterjuri, fuq l-istess seat, instab *portmoney* ta' lewn abjad u kannella, fejn ġewwa fih kien hemm sustanzi allegatament kokajina u herojina, flimkien ma flus kontanti fl-ammont ta' elf, erba' mija u għaxar ewro (Eur 1410). L-Ispettur spjega li huwa kien ta struzzjonijiet sabiex issir tfittxija ukoll fir-residenza tal-imputata, Santa Marija, Flat 3, Triq il-Qrejten, Pieta', fejn instabu diversi oġġetti relatati mad-drogi bħal boroż tal-plastik, imwieżen diġitali u xi traċċi tal-*cannabis* u sustanzi oħra. Igħid li sussegwentement Christopher Scerri u l-imputata ttieħdu ġewwa l-

[7] A fol. 207 tal-atti proċesswali
[8] A fol. 33 tal-atti proċesswali

*lockup* tal-Pulizija għal iktar investigazzjonijiet. Jispjega li huwa nforma lill-Maġistrat tal-għassa Dr. Marseanne Farrugia, li fetħet inkjesta u ħatret diversi esperti.

L-Ispettur Mercieca jispjega li l-imputata kienet ġiet mitkellma minnu stess, u għażlet li ma tikkonsultax ma avukat u rrilaxxat stqarrija fejn għażlet li ma tirrispondi għall-ebda domanda fir-rigward ta' dan il-każ. Igħid li sussegwentement l-imputata ġiet imressqa l-Qorti. L-Ispettur Mercieca preżenta kopja tar-rifjut ta' parir legali datat tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) u għaraf il-firma tiegħu, il-firma tal-imputata, il-firma ta' WPS 9 Abigail Fenech Pomroy u l-firma ta' PC 673 Kevin Muscat, li kienu preżenti waqt li ġiet iffirmata din id-dikjarazzjoni mill-imputata. Din id-dikjarzzjoni ġiet immarkata bħala 'Dok MM1'[9]. Preżenta ukoll l-istqarrija tal-imputata tal-istess data, fejn l-imputata għażlet li ma tiffirmax din l-istqarrija. L-Ispettur għaraf il-firma tiegħu fuq din l-istqarrija u l-firma ta' WPS 9 Abigail Fenech Pomroy. Din l-istqarrija ġiet immarkata bħala 'Dok MM2'[10].

**PS 579 Antoine Micallef[11]** stazzjonat l-Iskwadra ta' kontra d-Drogi xehed illi fit-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) għall-ħabta ta' nofsinhar, huwa flimkien ma' membri oħra tal-Iskwadra ta' kontra d-Droga waqqfu vettura tal-għamla Volkswagen Passat, fi Triq il-Qrejten ġewwa l-Imsida, li kienet misjuqa minn Christopher Scerri, u li fiha kien hemm l-imputata bħala passiġġiera. Igħid li malli mar fuqha, l-imputata kellha borża f'idha li daħħlitha taħt is-seat fejn kienet bilqegħda u wara rriżulta li din il-borża kien fiha ammont ta' qratas bi trab abjad. Igħid li fejn kienet bilqegħda l-imputata, kien hemm ukoll *pouch* li fih kien hemm borża blu, li fiha kien hemm boroż, kif ukoll ammont ta' flus. Jispega li wara kienu marru jagħmlu tfittxija fir-residenza tal-imputata Saint Mary, Flat 3, Triq il-Qrejten, fejn mill-kċina ġie elevat miżien elettroniku, żewġ *crushers* u landa tal-metal tat-tabakk li kien fiha weraq suspettati ħaxixa. Dawn ġew elevati u mgħoddija lill-Ispettur Mercieca.

**Francis Catania[12]** xehed illi l-vettura tal-għamla Volkswagen Passat ta' kulur blu kienet reġistrata fuqu. Igħid li huwa ma jiftakarx in-numru ta' reġistrazzjoni kollu, iżda jiftakar biss in-numri li jgħid li huma 777. Igħid li din il-vettura hija ta' Chris Agius u kien għamilha fuqu bi pjaċir, għax Chris ma setgħax jagħmilha

[9] A fol. 36 tal-atti proċesswali
[10] A fol. 37 tal-atti proċesswali
[11] A fol. 44 tal-atti proċesswali
[12] A fol. 40 tal-atti proċesswali

fuq ismu peress li kellu sekwestru. Igħid li huwa ċert minn ismu u kunjomu u igħid li m'għandux dokument li juri min hu Chris. Igħid li ma jafx li għandu xi laqam. Jispejga li l-vettura ilha reġistrata fuq ismu madwar xahrejn jew tlieta. Igħid li lil Chris ġieli kien jarah l-Imsida u jgħid li kien ikun waħdu. Igħid li fl-awla ma jagħraf lil ħadd u li ta dan kollu ma qala' xejn.

**RPC 3139 Nicholai Borg**[13] xehed illi fit-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Mercieca, kienu marru fl-akwati ta' Triq il-Qrejten, il-Pieta', u dan stante li l-Ispettur kien irċeva xi informazzjoni li l-imputata setgħat kienet involuta f'xi attivita' tad-droga. Igħid li hemmhekk kienu nnutaw vettura tal-għamla Passat bin-numru ta' reġistrazzjoni DON 777 li kienet misjuqa minn ċertu Christopher Scerri. Ġiet imwaqqfa l-vettura u igħid li huwa kien mar fuq in-naħa tax-xufier, filwaqt li fuq in-naħa tal-imputata kienu marru PS 579 u WPS9 Pomroy. Igħid li s-Surġent Pomroy kienet infurmatu li kienet sabet xi affarijiet suspettati droga. Igħid li huwa kien arresta lil Christopher Scerri. Igħid li huma kienu bdew ifittxu ċ-ċwievet sabiex jidħlu fir-residenza tagħhom, iżda l-imputata u Christopher Scerri bdew igħidulhom li m'għandhomx ċwievet. Għalhekk kienu nfurmaw lill-Ispettur Mark Mercieca, li ta ordni sabiex jisgassaw il-bieb tal-komun u l-bieb tal-appartament. Igħid li hu kien sgassa ż-żewġ bibien u daħlu fir-residenza sabiex jagħmlu tfittxija. Igħid li hu ma kien sab xejn, iżda membri oħra tal-Iskwadra ta' kontra d-Drogi kienu sabu. Ix-xhud jispjega li huwa kien għamel tfittxija fil-kamra tas-sodda ta' Christopher Scerri u ma sab xejn. Jispjega li huwa kien ġej u sejjer fuq il-post u dan għaliex filwaqt li ma kienx għamel ħsara fuq il-bieb tal-appartament meta daħal, kien kisser il-ħġieġa tal-bieb tal-komun sabiex daħal u għaldaqstant kellu jagħmel l-arranġamenti sabiex jiġi rranġat.

<u>In kontro-eżami,</u> ix-xhud igħid li l-imputata u Christopher Scerri igħixu fl-istess residenza. Igħid li Christopher Scerri stess kien qalilhom li dik il-kamra kienet tiegħu. Igħid li anke l-imputata kienet qaltlu li dik il-kamra ta' Christopher Scerri. Jispjega li dak il-ħin fuq il-post kien hemm ukoll ċerta Marion li ma jafx x'kunjomha. Igħid ukoll li huwa kien ħareġ lil Christopher Scerri mill-vettura fejn dak il-ħin beda jirreżisti. Jispjega li fil-vettura m'għamilx tfittxija u fid-dar għamel biss tfittxija fil-kamra ta' Christopher Scerri fejn ma sab xejn.

[13] A fol. 50 tal-atti proċesswali

**WPS 220 Jeanetta Grixti**[14] xehdet illi fit-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), kienu ngħataw struzzjonijiet mill-Ispettur Mercieca sabiex imorru fl-inħawi tal-Imsida, fejn kien hemm l-imputata li setgħat kienet qegħda titraffika xi droga. Tgħid li marru fi Triq il-Qrejten, Pieta', fejn għall-ħabta tas-siegħa neqsin kwart, ftit l-isfel mir-residenza tal-imputata, ġiet imwaqqfa vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DON 777, li fiha kien hemm l-imputata. Tgħid li hija ma kinetx preżenti waqt l-arrest tal-imputata, iżda kienu preżenti WPS9 u PS 579. Ix-xhud tgħid li hija kienet preżenti waqt it-tfittxija li saret fir-residenza tal-imputata, fejn instabu xi *mobile phones*, *crusher* u xi kantunieri tal-plastik, li pero ma kinux instabu minnha iżda kienu nstabu minn WPS 9.

WPS 220 tispjega ukoll li sabiex daħlu fir-residenza, kellha titkisser il-ħġieġa tal-bieb tal-komun, għaliex l-imputata baqgħet tgħid li ma kellix ċwievet sabiex tidħol. Tgħid li kienu telgħu fuq mal-imputata u l-imputata kienet pruvat tagħti daqqa ta' spalla 'l bieb sabiex tiftaħ, iżda l-bieb ma nfetaħx u fetħu l-Pulizia RPC Nikolai. Ix-xhud eżebiet kopja tan-notamenti li ġew immarkati bħala 'Dok GG'[15].

**WPS 9 Abigail Fenech Pomroy**[16] xehdet illi fit-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), kienu ngħataw struzzjonijiet mill-Ispettur Mark Mercieca, sabiex imorru fl-akwati tal-Imsida, għaliex l-imputata setgħet kienet qegħda titraffika xi droga. Tgħid li huma marru fl-akwati tal-Junior College u kif kienu qegħdin jduru ġewwa Triq il-Qrejten, raw lill-imputata li kienet qegħda f'vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DON 777, li kienet tal-għamla Volkswagen u magħha kien hemm persuna maskili. Tgħid li l-persuna maskili kien qiegħed isuq u l-imputata kienet qegħda fuq in-naħa tal-passiġġier. Tgħid li huma proċedew sabiex iwaqqfu l-vattura. Hija, flimkien ma' PS 579, raw lill-imputata titfa' xi ħaġa minn idejha għal taħt saqajha fuq is-seat u hekk kif ħarġu lill-imputata minn ġewwa l-vettura, fuq is-seat tagħha kien hemm borża li kien fiha qratas b'sustanza bajda, suspettata kokajina, kif ukoll sustanza kannella suspettata herojina. Tgħid li fuq is-seat tal-passiġġier sabu ukoll *pouch* li fih kien hemm borża oħra tal-plastik b'sustanza kannella u b'sustanza bajda suspettati herojina u kokajina. Dak il-ħin huma nfurmaw lill-imputata u lix-xufier li rriżulta li kien Christopher Scerri, li kienu taħt arrest u nfurmawhom bid-drittijiet

---

14 A fol. 54 tal-atti proċesswali
15 A fol. 57 tal-atti proċesswali
16 A fol. 58 tal-atti proċesswali

tagħhom. Żiedet ukoll illi fil-*pouch* kien hemm ukoll is-somma ta' elf u erba' mija u għaxar ewro (€1410).

WPS 9 tgħid li bdew jippruvaw jsibu ċ-ċwievet sabiex jitilgħu jagħmlu tfittxija ġewwa r-residenza tal-imputata, pero ċ-ċwievet ma setgħux isibuhom u ħadu struzzjonijiet mingħand l-Ispettur Mark Mercieca sabiex jisgassaw il-bieb ta' isfel u baqgħu tielgħin f'Santa Marija, Flat numru tlieta (3), Triq il-Qrejten, Pieta'. Fil-kċina sabu miżien diġitali u kaxxa tal-ħadid b'sustanza suspettata *cannabis grass* li kienet imħallta mat-tabakk. Kien hemm ukoll *crushers* b'sustanza ħadra suspettata *cannabis grass*, kantunieri ta' boroż tal-plastik bi traċċi u boroż tal-plastik ġodda li kienu qegħdin fi flixkun tal-plastik, kif ukoll ħames (5) *mobile phones*. Dawn kollha ġew mgħoddija lill-espert maħtur waqt l-inkjesta.

Ix-xhud tgħid ukoll li dakinhar stess tat-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), hija kienet preżenti waqt l-istqarrija li ttieħdet lill-imputata. Qabel ma bdiet l-istqarrija, l-Ispettur informa lill-imputata bid-drittijiet tagħha u hija rrinunzjat għad-dritt li tikkonsulta mal-avukat jew li jkun hemm avukat preżenti waqt l-istqarrija. Tgħid li imbagħad l-Ispettur ħa l-istqarrija tal-imputata u hi ddeċidiet li ma tiffirmahiex. Hija ġiet murija Dok MM1 u Dok MM2 u kkonfermat li Dok MM1 hija d-dikjarazzjoni ta' rifjut ta' assistenza legali datata tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), liema dikjarazzjoni ġiet iffirmata minnha, mill-Ispettur Mark Mercieca, mill-imputata, kif ukoll minn PC 673 Kevin Muscat. Hija kkonfermat ukoll li Dok MM2 hija l-istqarrija li ttieħdet lill-imputata nhar it-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) fis-sebgħa u għoxrin ta' filgħaxija (7.20p.m.) u għarfet il-firma tagħha u tal-Ispettur Mercieca. Tgħid li l-imputata kienet iddeċidiet li ma tiffirmax din l-istqarrija.

Id-**Deputat Reġistratur Cora Azzopardi**[17] preżentat il-*proces verbal* bin-numru disa' mija u sebgħa (907) tas-sena elfejn u għoxrin (2020) dwar sejba ta' droga mill-Pulizija, nhar it-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) wara li ġiet imwaqqfa vettura tal-għamla VW b'numru ta' reġistrazzjoni DON 777 u ġew arrestati ċerta Muriel Micallef u Christopher Scerri. Jirriżulta li l-Maġsitrat Inkwerenti kienet innominat lis-segwenti esperti:- Dr. Marisa Cassar bħala espert tad-DNA, Godwin Sammut bħala espert xjenzat, Jonathan Mizzi bħala espert tal-Informatika u PC 1285 Graham Cassar bħala *Scene of Crime*

[17] A fol. 63 tal-atti proċesswali

*Officer*. Il-Qorti diversament preseduta kienet ikkonfermat l-ħatra tal-esperti nominati fl-inkjesta bħala esperti f'dawn il-proċeduri[18].

**PC 1285 Graham Cassar Bonaci**[19] li kien maħtur bħala Uffiċjal tax-Xena tar-Reat xehed u preżenta r-rapport tiegħu, li ġie mmarkat bħala 'Dok GCB', minn fejn jirriżulta li nhar it-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), għall-ħabta tad-disgħa neqsin kwart ta' filgħaxija (8:45p.m.), huwa kien ġie nfurmat mill-Ispettur Mark Mercieca sabiex jaċċedi ġewwa t-Taqsima ta' Kontra d-Drogi ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Huwa kien aċċeda fuq il-post dakinhar stess għall-ħabta tad-disgħa neqsin għaxra ta' filgħaxija (8:50 p.m.). Preżenti fuq il-post kien hemm l-Ispettur Mark Mercieca u l-espert Dr. Marisa Cassar. Mir-relazzjoni tal-istess espert jirriżulta li kienu ġew ndikati lilu xi oġġetti mill-Ispettur Mark Mercieca sabiex jiġu fotografati. PC 1285 Graham Cassar Bonaci ġibed tmien (8) ritratti li ġew iddokumentati skond il-Kodiċi tal-Laboratorju Forensiku minn 20 BBP 101 sa 20 BDP 108.

**Dr Marisa Cassar**[20] li kienet nominata fl-inkjesta bħala espert tad-DNA xehdet u preżentat ir-rapport tagħha li ġie mmarkat bħala 'Dok MC'. Mir-rapport tagħha jirriżulta li x-xhud kienet ġabret is-segwenti kampjuni nhar it-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) mingħand l-Ispettur Mark Mercieca:-

A. *Evidence bag SC00178978 li kien fiha miżien u crusher;*
B. *Evidence bag MC00017011 li kien fiha pouch, borża tal-plastik li kien fiha l-flus u karti tal-flus tal-munita Ewro, b'total ta' elf erba' mija u għaxar ewro (Eur 1410);*
C. *Evidence bag SC00178973 li kien fiha borża tal-plastik blu, sustanza suspettata droga mgeżwra ġo diversi boroż:- borża tal-plastik roża bl-iswed, ġo borża tal-plastik blu u borża tal-plastik bajda; u borża tal-plastik trasparenti mimlija qratas;*
D. *Evidence bag SC00178971 li kien fiha qratas kontenenti sustanza ta' lewn abjad;*
E. *Evidence bag MC00017008 li kien fiha flixkun tal-ħġieġ mimli bil-boroż tal-plastik.*

Mill-istess relazzjoni jirriżulta ukoll li nhar it-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), Dr. Marisa Cassar ġabret ukoll il-kampjuni orali tal-imputata

---
18 A fol. 61 tal-atti proċesswali
19 A fol. 73 tal-atti proċesswali
20 A fol. 84 tal-atti proċesswali

u ta' Christopher Scerri. Dr. Cassar preżentat il-*buccal swabs* li għamlet l-analiżi ta' komparazzjoni magħhom, flimkien mar-relazzjoni tagħha. Mill-analiżi li għamlet, hija kkonkludiet li fl-oġġetti analizzati ħarġu profili ġenetiċi mħallta, u l-imputata hija waħda mill-kontributuri f'numru ta' oġġetti, hekk kif muri fir-relazzjoni tagħha.

Id-difiża eżentat lill-prosekuzzjoni milli ttella' bħala xhud lil **PC 673 Kevin Muscat** li kien xhud ta' firma għar-rifjut tal-parir legali.[21]

**Jonathan Mizzi**[22] li kien ġie nominat mill-Maġistrat Inkwerenti bħala espert tal-informatika, xehed u preżenta r-rapport tiegħu li ġie mmarkat bħala 'Dok JM'. Mir-rapport tiegħu jirriżulta li huwa għamel l-analiżi tiegħu fuq seba' (7) *mobile phones* li ġew mgħoddija lilu, u cioe' Nokia TA-1010, Samsung SM N9005, Nokia TA–1010, iPhone A1784, iPhone, Majestic Lucky 55 u iPhone A1524. Ir-rapport tal-estrazzjoni tad-*data* tal-istess *mobile phones* ġie anness f'kopja diġitali mal-istess rapport. Ix-xhud rritorna ukoll il-*mobile phones* li fuqhom saret l-analiżi[23].

**L-Ispiżjar Godwin Sammut**[24] li kien ġie nominat bħala espert xjenzat xehed u preżenta r-rapport tiegħu li ġie mmarkat bħala 'Dok GS', kif ukoll preżenta d-dokument li fuqu saret l-analiżi. Minn analiżi tar-rapport jirriżulta li fis-sitta (6) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020), Dr. Godwin Sammut kien ġie mogħti dokument wieħed mingħand l-Ispettur Mark Mercieca, li kien ġie mogħti l-Kodiċi tal-Laboratorju 010_21_01 u li kien jikkonsisti f'*evidence bag* bin-numru MC00017009 li kien fih (i) kaxxa tal-metall li fiha xi ħaxix ta' lewn aħdar u (ii) *crusher* ta' lewn ħadra li fih xi traċċi. Mir-riżultanzi miksuba, l-espert ikkonkluda:-

> *"Illi fuq estratti meħuda mill-ħaxix ta' lewn aħdar u fuq swabs meħuda mill-crusher li hemm ġewwa d-dokument 010_21_01 instabet is-sustanza* **Tetrahydrocannabinol (THC)***. Il-piż totali tal-ħaxix kien ta'* **1.30 grammi***. Minħabba li l-ammont kien ftit ma setatx isir analiżi tal-purita. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta."*

[21] A fol. 61 tal-atti proċesswali
[22] A fol. 103 tal-atti proċesswali
[2323] Numru tal-Eżebit KA 315/2020
[24] A fol. 118 tal-atti proċesswali

**Ir-Reġistratur tal-Qorti Franklin Calleja**[25] xehed u eżebixxa kopja awtentikata ta' Digriet bil-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, li ngħata mill-Qorti tal-Maġistrati fil-konfront ta' Muriel Micallef bil-karta tal-identita' numru 443080(M), fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħdax (2011). Ix-xhud preżenta ukoll żewġ digrieti li juru l-varjazzjonijiet li kien hemm fl-istess kundizzjonijiet. Huwa kkonferma ukoll li dak il-każ kien għadu pendenti.

**Christopher Scerri**[26], wara li ġie mwissi mill-Qorti li seta' ma jixhidx sabiex ma jinkriminax ruħu, xehed illi hu kien f'relazzjoni mal-imputata għal diversi snin, iżda imbagħad huwa beda jieħu d-droga u beda jixtri d-droga mingħandha. Igħid li huwa kien jieħu *"Coke u smack ukoll"*. Igħid li huwa għamel tlettax (13)-il sena mal-imputata u disa' snin minnhom kienu marru joqgħodu l-Imsida u dawn kienu snin ħżiena ħafna għalih. Ix-xhud igħid li fis-sena elfejn u għoxrin (2020), huwa ma kienx f'relazzjoni mal-imputata, iżda kienu ħbieb u kienu joqgħdu fl-istess residenza. Igħid li ma kinux sew bejniethom u huwa kien jorqod isfel u hi fuq. Igħid li l-imputata kellha lavranta li kienet torqod fuq, li taparsi kienet qaltlu li kienet in-*nanny*. Igħid li l-imputata kienet bir-*relief* u ma jafx kif tista' tħallas in-*nanny*. Jispjega li l-indirizz tar-residenza hu Santa Marija, Flat 3, Qrejten Street, Pieta'. Fir-rigward ta' dan il-post fejn kienu jirrisjedu, hu jgħid li kien ta l-flus lill-imputata sabiex jixtru dak il-post. Igħid li kien taha tmenin elf li kien ġab mingħand iz-ziju tiegħu u l-post kienu xtrawh bejniethom, iżda hu ma kien ħa xejn għax ma kellu xejn f'ismu. Ix-xhud igħid li huwa telaq minn daru minħabba d-droga u biex it-tifla tagħhom toqgħod kwieta. Igħid li pero l-imputata ġabet il-post burdell, waqt li hemm it-tifla tagħhom tgħix hemm.

Christopher Scerri igħid li huwa kien jieħu d-droga u kien ibiegħ ukoll pero igħid li issa skontaha s-sentenza. Meta ġie mistqosi fir-rigward tal-perjodu ta' wara li huwa skonta s-sentenza, huwa jgħid li hu kien jieħu minn kollox, *cocaine, smack* u ħaxixa ukoll. Igħid li kien jixtri mingħand l-imputata. Igħid li daqqa kienet tagħtih bid-dejn u daqqa kienet tagħtih sakemm jasal iċ-ċekk. Igħid li ġieli kien jagħmlilha xi pjaċir ukoll, u ġieli kien jippruvalha s-*sample* tal-*ismack* u tal-*coke* u kienet tagħtih id-droga. Igħid ukoll li n-*nanny* jisimha Marion Schembri u li l-imputata kienet tagħtiha ħames ewro minn kull gramma u li kienet taħdem hemm ġurnata sħiħa. Igħid li kienet toqgħod għassa tiegħu sabiex hu ma jieħux u biex ma jisraqx lill-imputata, għax igħid li hu ġieli kien jisraqilha ukoll. Iżid li l-

[25] A fol. 130 tal-atti proesswali
[26] A fol. 147 tal-atti proċesswali

imputata lilu tefgħatu isfel qisu kelb f'daru u meta jkollha aptit tagħtih waħda biex iħalliha kwieta. Igħid li ġieli kien jixtri għax jasal iċ-ċekk u ġieli jkollu pagament imġemma u l-imputata kienet tonfoqomlu kollha għax jgħid li lilu jekk twaqqgħu jibqa' għaddej.

Fir-rigward tat-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), huwa jgħid li meta twaqqfet l-imputata, huwa kien fl-istess vettura magħha. Igħid li l-imputata qegħda tipprova ddawwarha fuqu din l-istorja. Igħid li dakinhar hu kien mar għaliha, x'imkien fejn il-Black Gold u x'ħin kienu għaddejjin minn ħdejn id-dar waqqfuhom il-Pulizija. Igħid li d-droga kienet bejn saqajha, bejn kuxxtejha u ħaduhiela minn hemm. Igħid li l-imputata qegħda tgħid li ma tafx ta' min hi d-droga, iżda igħid li hi taf ta' min hi d-droga għax minn bejn saqajha ħaduha.

Meta ġie mistoqsi jekk hu kienx jaf li l-imputata kellha d-droga magħha, huwa jgħid li mhux dejjem ikun jaf, iżda jgħid li d-droga kienet dejjem iżżommha fuqha ħabba fih, sabiex taħbijilu. Huwa jiċħad li kien qiegħed magħha sabiex iwassalha sabiex tbiegħ id-droga. Igħid li dakinhar kien mar għaliha għand il-*beautician* sabiex iwassalha d-dar u li dakinhar ma kienet wegħditu xejn talli mar għaliha, pero soltu kienet tagħtih id-droga. Huwa igħid li l-imputata kienet tbiegħ id-droga meta tkun id-dar u n-nies kienu jitfgħula l-flus fil-lift u hi kienet ttihom id-droga. Igħid li hi għada tbiegħ d-droga għax lilha ma jkellimha ħadd. Igħid li l-imputata tinqeda bi tfal żgħar, taħt is-sittax (16)-il sena għax skond hu l-Pulizija ma jfittxulhomx. Igħid li dak iż-żmien Marion kienet tbegħilha d-droga.

Igħid li s-CCTV *cameras* ta' kulħadd jieħdu, iżda tagħhom ma kinetx ittieħdet sabiex jaraw. Igħid li l-imputata kienet taqla' tnax-il mija kull jumejn. Igħid li huwa dan jafu, għax qabel kien ibiegħ id-droga u skonta sentenza fuq hekk. Meta ġie mistoqsi, jekk dan kollu hu kienx qed igħidu għax kellu xi jgħid mal-imputata, huwa jgħid illi *"Le, dan ismani din. Jiena għamilt statement tas-Sliema, sentejn ilu. Dik riedet tatini għaxar grammi biex naqleb il-każ fuqi fhimt, 2011 jiena erġajt għamilt hekk u ħadt ir-risposta mingħandha. Għax jiena l-ħabs u hi tiġrili. Issa din id-darba ma ridtx naqleb każijiet fuqi. U talli ma aċċettajtx, gidmet idha u qalet li gdimtha jiena u tefawni l-ħabs ukoll."*

Jerġa' għid li l-imputata kienet qaltlu sabiex jaqleb il-każ fuqu u kien għamel stqarrija l-għassa ta' tas-Sliema u kien kellmu l-Ispettur Colin Sheldon. Igħid li pero hu għandu kondotta maħmuġa u ma jiġix stmat. Igħid li l-imputata kienet tgħix ħajja ta' sinjura u huwa ħajja ta' laqx. Igħid li l-imputata kienet tonfoq elf

ewro ħwejjeġ fil-ġimgħa u lil sħabha kienet iżżommhom bħal Reġini, u lilu żżommu isfel u kultant ittih xi nifs, sabiex joqgħod kwiet.

In kontro-eżami, huwa jiċħad li l-Ispettur Colin Sheldon kien kellmu għax kien ta xebgħa lill-imputata. Huwa jgħid li ma kienx hemm swat, iżda l-Ispettur kien kellmu fuq gidma. Igħid li lill-imputata l-Pulizija ma jkellmuhiex għax hi tagħmel li trid. Isemmi lill-Ispettur Jonathan Ransley f'dan ir-rigward. Igħid ukoll li l-Assistent Kummissarju Dennis Theuma stess kienu qalu li l-imputata tbiegħ id-droga bil-liċenzja u jgħid li diġa kien xehed dwar dan darbtejn oħra fi proċeduri oħra.

Christopher Scerri igħid ukoll li fiż-żmien tal-każ odjern, huwa kien f'relazzjoni mal-imputata, iżda kien iħallasha kull darba li kien jixtri d-droga mingħandha. Igħid li qabel fl-antik kien ibiegħ id-droga u d-droga kienet tkun tiegħu. Igħid li imma imbagħad id-droga ġiet tagħha. Jispjega li Marion Schembri kienet marret taħdem għandhom u allura hu ma setgħax jorqod fuq mal-imputata, ma Marion u mat-tifla u b'hekk kien niżel isfel. Igħid li dak iż-żmien ir-relazzjoni tagħhom kienet ħażina ħafna. Meta mistoqsi allura jekk ir-relazzjoni tagħhom kienet daqshekk hażina, għaliex kien imur iwassalha, igħid li bilfors kien ikollu jmur għax igħid li jekk ikun qed jieħu d-droga, anke għarkubtejh sal-Mellieħa kien imur, l-aqwa li tagħtih id-droga. Meta ġie mistoqsi jekk kienx minnu li din l-istorja kollha kien qed igħidiha għax il-Pulizija kienu ressquh fuq swat u theddid tal-imputata u li kienet vendikazzjoni kontra l-imputata, huwa jirrispondi billi igħid *"Imbierek Alla, jekk taħseb inti li vendikazzjoni."* Meta mistoqsi, igħid li lill-imputata kien taha tmenin elf ewro għall-post u fuq droga jikkonferma li taha xi erba' mitt elf ewro jew iżjed. Meta mistoqsi kif taha erba' mitt elf, jekk lanqas għandu sabiex jixtri d-droga, igħid li issa lanqas għadu jieħu droga. Igħid li pero għadu jpejjep l-*ismoke* għax dik bir-riċetta tat-tabib. Meta x-xhud reġa' ġie mistoqsi jekk, dan kollu kienx qed igħidu biss minħabba li l-imputata kienet telqitu għax ma felħitux isawwatha iżjed, huwa jiċħad u igħid li l-imputata *"kienet tiġi għalija, titfani għand ommi meta niġġieldu u tiġi taqlibilna l-parapett."*.

Id-difiża ressqet is-segwenti xhieda fir-rigward tat-talba tagħha ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Dr Roberta Holland**[27] xehdet illi mill-informazzjoni kollha miġbura, u mill-analiżi tagħha, hija kkonkludiet li l-imputata kienet dipendenti fuq il-Kannabis u Kokajina minn meta kellha madwar disgħa u għoxrin (29) sena. Dan l-użu kien wieħed li jvarja fis-severita', fejn kien estensiv f'xi żminijiet u f'oħrajn kien inqas, bħal minn meta kellha t-tifla disa' snin qabel. L-użu madankollu baqa' dejjem preżenti b'regolarita sa madwar tlett snin ilu, meta regħhet għamlet sforz u kien reġa' rnexxielha tnaqqas. L-imputata kien irnexxielha tieqaf kompletament mill-użu meta ntemmet ir-relazzjoni li kienet fiha, u fl-istess żmien kien seħħ il-każ odjern. Tgħid li għalhekk jidher li l-każ kien relatat mid-dipendenza mid-droga ta' l-imputata. Tgħid li wara xi żmien wieqfa, hija regħhet irkadiet ftit xhur ilu wara li reġgħet iffaċċjat diffikultajiet fil-ħajja. Fl-istess żminijiet, hija ngħatat riċetta medika għall-użu tal-Kannabis u b'hekk dan l-użu huwa wieħed mediċinali.

**Michael Spiteri**[28] xehed in rappreżentanza tal-Caritas u preżenta dokument minn fejn jirriżulta li l-imputata kienet għamlet l-ewwel kuntatt tagħha mal-Aġenzija Caritas permezz ta' sessjonijiet individwali nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (2020). Bejn it-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju sat-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) hija kienet attendiet għal tlett (3) sessjonijiet individwali. Fis-sessjoni ndividwali tat-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) hija kienet ħalliet kampjun tal-urina taħt superviżjoni ta' staff femminili ġewwa l-binja tal-Caritas Outreach, liema kampjun irriżulta fin-negattiv għall-użu ta' sustanżi illeċiti inkluż għall-cannabis iżda minn hemmhekk il-kuntatt kien inqata' ħesrem.

Mill-istess dokument jirriżulta ukoll li l-kuntatt mal-imputata kien reġa' ssokta fit-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u minn Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) sas-sebgħa (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) l-imputata kienet attendiet għall-ħames sessjonijiet. Skond ir-riżultati preżentati in atti, l-imputata kienet ħalliet sitt kampjuni tal-urina f'dak il-perjodu u kollha rriżultaw pożittivi għall-kannabis u wieħed, dak meħud nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), kien pożittiv ukoll għall-kokaina.

---

[17] A fol. tal-atti proċesswali
[28] A fol. 200 tal-atti proċesswali

**L-Uffiċjal tal-Probation Sharlet Fabri**[29] xehdet li hija bdiet issegwi lill-imputata permezz ta' Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni li nħarġet nhar is-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022). Hija tgħid li kien hemm komunikazzjoni u attendenza li kienet regolari da parti tal-imputata, Madanakollu tgħid li xi uħud mill-kampjuni tal-urina rriżultaw fil-pożittiv għall-kokaina, għalkemm l-imputata kienet tinsisti li ma kinetx tieħu din is-sustanza. Ix-xhud tgħid ukoll li l-imputata għandha preskrizzjoni għall-użu tal-cannabis mediċinali u allura t-testijiet kienu dejjem pożittivi għall-cannabis. Fir-rigward tal-kokaina, ix-xhud tgħid li saru disa' (9) testijiet tal-urina bejn Frar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) sal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) meta ddeponiet ix-xhud, u tgħid li l-aħħar riżultat pozittiv għall-kokaina kien fit-tlieta (3) ta' Frar u kienu saru erba' testijiet minn dik id-data iżda kienu kollha pożittivi biss għall-cannabis u mhux għall-kokaina. Mill-bqija x-xhud tgħid li l-indikazzjonijiet huma li l-imputata tgħix ħajja stabbli.

**Dr. Gianluca Bezzina**[30] xehed illi huwa kien jara lill-imputata d-*Drug Abuse Outpatient Unit* fi ħdan is-Sedqa. Huwa jgħid li l-imputata kienet marret għandu f'Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) meta kif spjegatlu l-imputata, l-problema diġa kienet taħt kontroll. Huwa jgħid li kien hemm perjodi fejn hija kienet ttestjat pożittiva għall-kokaina, iżda ħafna drabi iktar kienet tkun nadifa, milli pożittiva għal kokaina. Dr. Bezzina jgħid li l-imputata ma kienx jaraha spiss għax mhux persuna kaotika. Huwa jgħid ukoll li huwa qatt ma offrielha xi trattament għaliex il-problema qatt ma kienet serja wisq, fis-sens illi x-xhud jgħid li kien hemm iktar użu okkażżjonali ta' kokaina milli użu ta' xi ħadd li huwa dipendenti.

**Ikkunsidrat ukoll:-**

Illi f'dawn il-proċeduri l-imputata qegħda tiġi akkużata bir-reati ta' pussess tad-droga kokajina u herojina mhux għall-użu esklussiv tagħha, kif ukoll bil-pussess tal-pjanta tal-*cannabis* għall-użu personali tagħha u dan fit-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) u anke matul il-ġranet ta' qabel. Tinsab akkużata ukoll talli fl-istess żmien, hija naqset milli tħares il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqha permezz tad-digriet ta' din il-Qorti, kif diversament

[29] A fol. 195 tal-atti proċesswali
[30] A fol. 199 tal-atti proċesswali

preseduta, ta' nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħdax (2011).

**L-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni**

Dwar il-mertu tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata, ossija dawk ta' pussess tad-droga kokajina u herojina mhux għall-użu esklussiv tagħha, id-difiża ssostni li din il-Qorti ma tista' qatt issib ħtija fuq dawn l-imputazzjonijiet u dan għaliex l-allegata sustanza li nstabet mill-Pulizija għand l-imputata meta hija kienet fil-vettura, qatt ma ġiet analizzata u għaldaqstant din il-Qorti ma hijiex f'posizjoni tkun taf x'kienet is-sustanza misjuba. Id-difiża tgħid li l-unika sustanza li ġiet analizzata f'dawn il-proċeduri hija dik li nstabet fid-dar tal-imputata, li kienet tikkonsisti f'inqas minn żewġ grammi *cannabis*. Id-difiża ssostni ukoll li din il-Qorti ma għandiex tistrieħ fuq ix-xhieda ta' Christoper Scerri għaliex x-xhieda tiegħu ma hijiex waħda attendibbli u fil-kontro-eżami tal-istess xhud, id-difiża ssostni ukoll li dak kollu mistqarr mix-xhud kien vendikazzjoni kontra l-imputata għax kienet irrapurtatu lill-Pulizija fuq swat u theddid.

Fl-ewwel lok, il-Qorti ser tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar is-sustanzi allegatament droga, li ġew misjuba għand l-imputata u l-analiżi o meno tagħhom f'dawn il-proċeduri. Illi mill-atti proċesswali u senjatament mid-depozizzjoni tal-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Mark Mercieca jirriżulta li meta fil-jum in kwistjoni, l-imputata ġiet imwaqqfa ġewwa Triq il-Qrejten, Pieta' meta kienet fil-vettura tal-għamla Volkswagen, hija kienet deheret tpoġġi xi ħaġa taħt il-persuna tagħha, jiġifieri xi ħaġa bejn il-persuna tagħha u s-*seat* li kienet bilqegħda fuqu, fejn wara li saret tfittxija instabet borża tal-plastik li kienet tikkontjeni diversi *sachets* bit-trab abjad ġewwa fihom. L-Uffiċjal Prosekutur igħid ukoll li minn tfittxijiet ulterjuri, fuq l-istess seat, instab *portmoney* ta' lewn abjad u kannella, fejn ġewwa fih kien hemm sustanzi allegatament kokajina u herojina, flimkien ma flus kontanti fl-ammont ta' elf, erba' mija u għaxar ewro (Eur 1410). L-Ispettur spjega li huwa kien ta struzzjonijiet sabiex issir tfittxija ukoll fir-residenza tal-imputata, Santa Marija, Flat 3, Triq il-Qrejten, Pieta', fejn instabu diversi oġġetti relatati mad-drogi bħal boroż tal-plastik, imwieżen diġitali u xi traċċi tal-*cannabis* u sustanzi oħra.

L-istess jingħad minn PS 579 Antoine Micallef[31] li xehed li meta fil-jum in kwistjoni, huma waqqfu l-vettura tal-għamla Volkswagen Passat, fi Triq il-Qrejten ġewwa l-Imsida, li fiha kien hemm l-imputata bħala passiġġiera, l-imputata kellha borża f'idha li rriżulta li kien fiha ammont ta' qratas bi trab abjad. Igħid li fejn kienet bilqegħda l-imputata, kien hemm ukoll *pouch* li fih kien hemm borża blu, li fiha kien hemm boroż, kif ukoll ammont ta' flus. Jispega li wara kienu marru jagħmlu tfittxija fir-residenza tal-imputata Saint Mary, Flat 3, Triq il-Qrejten, fejn mill-kċina ġie elevat miżien elettroniku, żewġ *crushers* u landa tal-metal tat-tabakk li kien fiha weraq suspettati ħaxixa. Dawn ġew elevati u mgħoddija lill-Ispettur Mercieca.

WPS 9 Abigail Fenech Pomroy[32] ukoll tixhed illi fil-jum in kwistjoni, meta waqqfu lill-imputata li kienet qegħda f'vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DON 777, li kienet tal-għamla Volkswagen, hija kienet rat lill-imputata titfa' xi ħaġa minn idejha għal taħt saqajha fuq is-seat u hekk kif ħarġu lill-imputata minn ġewwa l-vettura, fuq is-seat tagħha kien hemm borża li kien fiha qratas b'sustanza bajda, suspettata kokajina, kif ukoll sustanza kannella suspettata herojina. Tgħid li fuq is-seat tal-passiġġier sabu ukoll *pouch* li fih kien hemm borża oħra tal-plastik b'sustanza kannella u b'sustanza bajda suspettati herojina u kokajina. Żiedet ukoll illi fil-*pouch* kien hemm ukoll is-somma ta' elf u erba' mija u għaxar ewro (€1410). WPS 9 tgħid li wara saret tfittxija f'Santa Marija, Flat numru tlieta (3), Triq il-Qrejten, Pieta', fejn fil-kċina sabu miżien diġitali u kaxxa tal-ħadid b'sustanza suspettata *cannabis grass* li kienet imħallta mat-tabakk. Kien hemm ukoll *crushers* b'sustanza ħadra suspettata *cannabis grass*, kantunieri ta' boroż tal-plastik bi traċċi u boroż tal-plastik ġodda li kienu qegħdin fi flixkun tal-plastik, kif ukoll ħames (5) *mobile phones*. Tgħid li dawn kollha ġew mgħoddija lill-espert maħtur waqt l-inkjesta.

F'dan ir-rigward il-Qorti tinnota li l-Maġistrat Inkwerenti kienet ħatret lil PC 1285 Graham Cassar bħala Uffiċjal tax-Xena tar-Reat, lil Dr. Marisa Cassar bħala espert seroloġista u lil Dr. Godwin Sammut bħala xjenzat, liema esperti lkoll irrelataw fil-kors tal-proċeduri odjerni quddiem din il-Qorti.

Illi mir-relazzjoni tal-Uffiċjal tax-Xena tar-Reat, PC 1285 Graham Cassar Bonaci[33] jirriżulta li nhar it-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020),

[31] A fol. 44 tal-atti proċesswali
[32] A fol. 58 tal-atti proċesswali
[33] A fol. 73 tal-atti proċesswali

għall-ħabta tad-disgħa neqsin għaxra ta' filgħaxija (20:50 p.m.), huwa kien aċċeda ġewwa t-Taqsima ta' Kontra d-Drogi ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, meta fuq il-post kien hemm l-Ispettur Mark Mercieca u l-espert Dr. Marisa Cassar. Mir-relazzjoni tal-istess espert jirriżulta ukoll li kienu ġew ndikati lilu xi oġġetti mill-Ispettur Mark Mercieca sabiex jiġu fotografati. PC 1285 Graham Cassar Bonaci ġibed tmien (8) ritratti li ġew iddokumentati skond il-Kodiċi tal-Laboratorju Forensiku minn 20 BDP 101 sa 20 BDP 108.

Illi l-Qorti fliet ir-relazzjoni tal-istess espert u r-ritratti annessi mal-istess relazzjoni, minn fejn jirriżulta li fir-ritratt immarkat bir-referenza 20 BDP 101, jidher li hemm *evidence bag* ssiġġilat bin-numru SC00178978, li fuqu hemm il-kliem *"1 weighing digital scale' u "1 black crusher with traces"*. Illi fir-ritratt bir-referenza 20 BDP 102, jidher li hemm *evidence bag* ieħor issiġġillat, bin-numru MC00017008, li fuqu hemm il-kliem *"1 plastic bottle with plastic bags found in kitchen"*. Illi fir-ritratt immarkat bir-referenza 20 BDP 103, jidher li hemm *evidence bag* ieħor issiġġilat, bin-numru SC00178974, li fuqu hemm il-kliem *"pink samsung broken screen", "champgane iphone broken screen" u "1 mobile Nokia inside kitchen drawer"*. Illi fir-ritratt immarkat bir-referenza 20 BDP 104, jidher li hemm *evidence bag* ieħor issiġġilat, bin-numru SC00178972, li fuqu hemm il-kliem *"1 mobile phone majestic", "1 iphone silver broken screen", "found in salott"*. Illi fir-ritratt immarkat bir-referenza 20 BDP 105, jidher li hemm *evidence bag* issiġġilat, bin-numru SC00178971, li fuqu hemm il-kliem *"2.959gr white substance (9 sachets) found on passenger seat under Muriel in vehicle DON 777."* u *"30-6-2020 12:05 hrs", "Triq Qrejten, Msida"*. Illi fir-ritratt immarkat bir-referenza 20 BDP 106, jidher li hemm *evidence bag* issiġġillat, bin-numru MC00011774, li fuqu hemm il-kliem *"iphone 11 rose gold IMEI no. 35 3926108530550"* u *"30-6-2020 12:45 hrs"*. Illi fir-ritratt immarkat bir-referenza 20 BDP 107, jidher li hemm *evidence bag* issiġillat, bin-numru MC00017011. Għalkemm fir-ritratt ma jidhrux il-kliem li hemm fuq dan l-*evidence bag*, jidher li ġewwa l-*evidence bag* hemm xi flus kontanti u pouch ta' kulur iswed. Illi fir-ritratt immarkat bir-referenza 20 BDP 108, jidher li hemm *evidence bag* issiġġilat bin-numru SC00178973, li fuqu hemm il-kliem *"1 plastic bag with several white and brown substance", "1 plastic bag with white substance" ,"1 black and pink substance"* u *"Muriel Micallef 443080(M)."* Illi mir-relazzjoni tal-istess espert, jirriżulta li huwa ħa ħsieb biss ix-xogħol ta' fotografija.

Illi mir-relazzjoni ta' Dr. Marisa Cassar imbagħad jirriżulta li nhar it-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), Dr. Cassar kienet ġabret ħames (5) *evidence bags* mingħand l-Ispettur Mark Mercieca, u cioe' *evidence bag* SC00178978 li kien fiha miżien u crusher, *evidence bag* MC00017011 li kien fiha pouch, borża tal-plastik li kien fiha l-flus u karti tal-flus tal-munita Ewro, b'total ta' elf erba' mija u għaxar ewro (Eur 1410), *evidence bag* SC00178973 li kien fiha borża tal-plastik blu, sustanza suspettata droga mgeżwra ġo diversi boroż:- borża tal-plastik roża bl-iswed, ġo borża tal-plastik blu u borża tal-plastik bajda; u borża tal-plastik trasparenti mimlija qratas, *evidence bag* SC00178971 li kien fiha qratas kontenenti sustanza ta' lewn abjad u *evidence bag* MC00017008 li kien fiha flixkun tal-ħġieġ mimli bil-boroż tal-plastik. B'hekk jidher illi ż-żewġ *evidence bags* bin-numri SC00178971 u SC00178973 kontenenti s-sustanzi li nstabu għand l-imputata meta kienet fil-vettura, it-tnejn għaddew mingħand l-Ispettur Mark Mercieca għal għand Dr. Marisa Cassar. Madanakollu meta l-istess espert xehdet quddiem din il-Qorti diversament preseduta, jidher li rritornat biss il-*buccal swabs* li għamlet l-analiżi fuqhom, u ma tagħmel l-ebda referenza għall-oġġetti l-oħra analizzati minnha.

Da parti tiegħu, imbagħad, l-espert Dr. Godwin Sammut, li kien maħtur mill-Maġistrat Inkwerenti sabiex janalizza s-sustanzi misjuba, igħid fir-rapport tiegħu, illi nhar is-sitta (6) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020), huwa kien ġie mogħti dokument wieħed mingħand l-Ispettur Mark Merceica, li kien jikkonsisti f'*evidence bag* bin-numru MC00017009 li kien fih (i) kaxxa tal-metall li fiha xi ħaxix ta' lewn aħdar u (ii) *crusher* ta' lewn ħadra li fih xi traċċi. Skond ir-relazzjoni tal-istess espert, dan kien l-unika *evidence bag* li għadda għandu għall-analiżi, u huwa kkonkluda li s-sustanza misjuba kienet Tetrahydrocannabinol (THC), b'piż totali ta' wieħed punt tletin grammi (1.30 grammi).

**Illi konsegwentement jirriżulta mill-atti proċesswali, illi s-sustanzi li kien hemm fl-*evidence bags* bin-numri SC00178971 u SC00178973 kontenenti s-sustanzi li nstabu għand l-imputata meta kienet fil-vettura, qatt ma għaddew għand l-espert Dr. Godwin Sammut sabiex jiġu analizzati. Lanqas ma jirriżulta li l-prosekuzzjoni talbet li dawn is-sustanzi jiġu analizzati minn xi espert ieħor. Għaldaqstant, għalkemm il-prosekuzzjoni qegħda tallega li dawk is-sustanzi kienu jikkonsistu f'kokajina u herojina, fin-nuqqas ta' kwalsiasi analiżi, il-Qorti ma hijiex f'posizzjoni tkun taf x'kien**

**fihom is-sustanzi in kwistjoni, li wara kollox lanqas biss jidher li ġew eżebiti f'dawn il-proċeduri !**

Illi in kwantu imbagħad għal dak li ddepona Christopher Scerri, jingħad illi għalkemm jirriżulta li huwa kellu interess jixhed kontra l-imputata, ma jfissirx illi dak kollu li ngħad minnu m'għandux mis-sewwa. Illi l-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat, kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-Artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:-

> *"id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ."*

Imbagħad l-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Illi jingħad li meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-*best evidence rule*, ċioe' jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar il-ħamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) ġie ritenut is-segwenti:

> *"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija talpersuna akkuzata."*

Illi madanakollu fil-każ odjern, jingħad illi ħafna mid-dettalji li jagħti Christopher Scerri jmorru oltre l-imputazzjonijiet li tinsab akkużata bihom l-

imputata. Illi fir-rigward tat-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), meta twaqqfet l-imputata, Christopher Scerri igħid li dakinhar hu kien mar għall-imputata, x'imkien fejn il-*Black Gold* u x'ħin kienu għaddejjin minn ħdejn id-dar waqqfuhom il-Pulizija. Igħid li l-imputata kellha d-droga bejn saqajha, bejn kuxxtejha u ħaduhiela minn hemm. Igħid li l-imputata qegħda tgħid li ma tafx ta' min hi d-droga, iżda igħid li hi taf ta' min hi d-droga għax minn bejn saqajha ħaduha. Igħid ukoll li l-imputata qegħda tipprova ddawwarha fuqu din l-istorja. Jingħad madanakollu li Scerri fl-ebda ħin ma jagħmel referenza għat-tip ta' droga li dakinhar l-imputata kellha fil-vettura, u li fi kwalunkwe każ, ix-xhieda tiegħu ma ġiet korroborata mill-ebda prova oħra.

Għaldaqstant stante li l-ewwel żewġ imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata jirrigwardaw il-pussess mhux għall-użu esklussiv tad-droga kokaina u herojina, u stante li ma saret l-ebda analiżi fuq is-sustanzi in kwistjoni, li jidher li lanqas biss ġew eżebiti f'dawn il-proċeduri, din il-Qorti tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx l-aħjar prova u ma laħqitx il-grad mistenni minnha ta' mingħajr dubbju dettat mir-raġuni in sostenn ta' dawn iż-żewġ imputazzjonijiet. B'hekk din il-Qorti tqis li l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata ma ġewx sodisfaċentement ippruvati u qegħda tilliberaha minnhom.

**It-tielet (3) imputazzjoni**

Permezz tat-tielet imputazzjoni imbagħad, l-imputata qegħda tiġi akkużata li fl-istess data, hija kienet fil-pussess tal-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha għall-użu esklussiv tagħha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, din il-Qorti jeħtieġ li tqis l-emendi ntrodotti permezz tal-Att LXVI tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) li emenda diversi liġijiet fir- rigward ta' ċerti attivitajiet relatati mal-*cannabis*. Permezz tal-imsemmi Att ġie ntrodott l-Artikolu 4A(1) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li :-

> *"4A. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-pussess minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax(18)-il sena tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi, f'ċirkostanzi li jwasslu li wieħed raġonevolment jemmen li tali pussess huwa għall-użu personali ta' tali persuna, ma għandux jikkostitwixxi reat,u l-persuna ma għandhiex tinżamm f'kustodja taħt arrest minbarra fejn hemm suspett raġonevoli ta' traffikar jewtmexxija ta' droga kannabis:"*

Illi dan ifisser illi llum il-ġurnata, persuna ta' 'l fuq minn tmintax-il sena, bħall-imputata odjerna, li tkun fil-pussess tad-droga *cannabis* f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi għall-użu personali, ma hijiex soġġetta għall-proċeduri kriminali. Illi għalhekk għalkemm l-pussess tad-droga cannabis fl-ammont ta' 1.30 grammi għall-użu personali tal-imputata kien jikostitwixxi reat meta seħħ, u cioe' fit-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), dan m'għadux jiġi kkunsidrat bħala reat illum il-ġurnata.

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Infrerjuri) ta' nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019), fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Juanita Fenech**, ġie ritenut:

> *"Illi minn żmien l-għoti tas-sentenza appellata, gie promulgat l-Att XI tas-sena 2018, permeżż ta' liema ligi gdida dwar il-Midja u il-Malfama, l-artikolu 252 tal-Kodiċi Kriminali li jikkostitwixxi l-bażi legali tal-akkuża miġjuba kontra l-appellanti ġie abrogat. Illi allura ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma ghadux jigi hekk ikkunsidrat illum il-gurnata.*
>
> *Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ibbazati fuq l-artikolu 7 tal-Kovenzjoni Ewropeja dwar il-Drittijiet tal-Bniedem, ilQorti hija tal-fehma illi illum ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti bilfors trid tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza:*
>
> ***"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties …. The Court …. affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted*** **before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant."**

*Din il-posizzjoni ġiet riaffermata permezz tas-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014.*

*Illi l-Professur Sir Anthony Mamo jidher li kien tal-fehma ukoll li f'sitwazzjonijiet bħal dawn il-proċeduri jew l-effett provenjenti minnhom permezz tas-sentenza li tkun ingħatat, għandhom jieqfu.*

*"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation. It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence.*

*B'hekk illum għalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proċeduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qiegħed jitqies illi huwa leżiv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka is-sentenza appellata u billi r-reat li dwaru l-appellanti giet akkuzata illum gie abrogat, tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni tal-akkuza migjuba kontra taghha.*

Illi għalhekk in vista ta' dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu iktar konjizzjoni tat-tielet (3) imputazzjoni miġjuba kontra l-imputata.

**Ir-raba' (4) imputazzjoni**

Fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni, imbagħad, ossia dik li permezz tagħha l-imputata ġiet akkużata li naqset li tħares xi waħda u/jew aktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati fi proċeduri separati meta kkommettiet r-reati li tinsab akkużata bihom f'dawn il-proċeduri, la darba mhux qed tinstab reita` dwar l-ewwel tliet imputazzjonijiet, ifisser illi l-imputata lanqas ma tista' tinstab ħatja ta' din l-imputazzjoni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, wara li rat it-Taqsima IV u VI, l-Artikoli 8(d), 22(1)(a)(1B) u 22(2)(b)(i)(ii) tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, r-Regolamenti erbgħa (4) u disgħa (9) tar-Regolamenti għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 533 u 579 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 4A(1) tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda ssib lill-imputata **Muriel Micallef** mhux ħatja tal-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba' (4) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha u qegħda tilliberaha minnhom, u billi r-reat li dwaru l-imputata ġiet akkużata fit-tielet (3) imputazzjoni illum ġie abrogat, tastjeni milli tieħu iktar konjizzjoni tat-tielet (3) imputazzjoni.

Għaldaqstant il-Qorti mhux qegħda tordna l-ħlas tal-ispejjez in konnessjoni mal-ħatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga eżebita fl-atti hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara